

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EU BAM RAFAH/1/2013

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)

(2013/379/UE)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), inkluż b'mod partikolari d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-23 ta' Mejju 2013, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet il-ħatra tas-Sur Gerhard SCHLAUDRAFF bħala Kap tal-Missjoni EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014.

- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/355/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ⁽²⁾ estendiet il-mandat ta' EU BAM Rafah sat-30 ta' Ġunju 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Gerhard SCHLAUDRAFF huwa b'dan maħtur bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2013.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

W. STEVENS

⁽¹⁾ ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.

⁽²⁾ ĠU L 185, 4.7.2013, p. 16.